**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 15 ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru : 4/2020 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**JC**

**Vs**

**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JC datat 7 ta' Jannar 2020, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti iżżewweġ lill-intimata nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed (2001) hekk kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

*Illi minn dan iż-żwieġ kien hemm żewġ ulied ossia A u C li għandhom għoxrin sena u sbatax-il sena rispettivament;*

*Illi l-esponenti qiegħed iħallas b'mod regolari l-manteniment versu l-minuri C li ġie regolat ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn taħt indikat;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) u ossija għal aktar minn erba snin u sseparaw legalment b'kuntratt redatt minn Nutar Dr Claire Camilleri datat nhar it-tlettax ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax, kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok B.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli, jew remot, għar-rikonċiljazzjoni bejniethom, peress li ilhom snin twal mifruda u barra minn hekk illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi l-esponenti ddekadew mid-dritt li jitolbu jew jirċievu manteniment minn xulxin;*

*Illi dan il-fatti kif premessi jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tiddikjara li z-zwieġ bejn JC u DS iċċelebrat nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed huwa maħlul u għalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat mill-istess Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku, kif ukoll li jagħmel id-debita korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' DS (fol 24 tal-proċess) datata 8 ta' Ġunju 2020 illi tgħid hekk

*Illi din ir-risposta qiegħda tiġi ssir in segwitu tar-rikors promotur intavolat mir-rikorrent nhar is-7 ta' Jannar 2020 fejn huwa talab id-divorzju bejn il-partijiet;*

*Illi l-esponenti tikkonferma dak kollu eċċepit mir-rikorrorent u għaldaqstant ma għandha l-ebda oġġezzjoni illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet*

Rat ix-xhieda bl-affidavit;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Fl-affidavit tiegħu, **JC** xehed (Dok JC 01, fol 27) illi huwa kien ilu jaf lil D minn mindu kienu żgħar ħafna. Illi huma iżżewwġu fil-ħamsa u għoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u wieħed u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġt itfal li huma A ta' X sena u C li għandha Y sena. Illi A taħdem u tistudja pero ma tistudjax full time. Illi C ser tagħlaq it-tmintax-il sena taħdem u ma tistudjax. Illi f'Awwissu 2013 huwa kien telaq mid-dar minħabba inkwiet u ġlied kbir li kellu d-dar ma' martu. Illi minn dik il-ġurnata qatt ma rrikonċiljaw u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni. Illi t-tnejn jgħixu ħajja separata u ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**DS** permezz tal-affidavit tagħha (fol 31) ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed żewġha u żiedet tgħid illi huma isseparaw permezz ta' kuntratt iffirmat minn Nutar Dott Claire Camilleri datat nhar it-13 ta' Novembru 2019. Qalet ukoll illi hija ma għandha l-ebda oġġezzjoni sabiex jiġi ippronunzjat id-divorzju.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ingħad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu***

*għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-25 ta' Awwissu 2001 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi ghalkemm l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Claire Camilleri, datat 13 ta' Novembru 2019 (vide Dok. B fol 5 et seqq.), il-partijiet kkonfermaw illi huma ilhom de facto separati sa' minn Lulju/Awwissu tas-sena 2013 u ghalhekk jirrizulta illi ilhom de facto separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Illi jirriżulta illi pendenzi ta' manteniment ma hemmx bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum,**

**javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**